MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 179/2005

**A**

**-vs-**

**Kuraturi**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fid-9 ta' Gunju, 2005 li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fil-5 ta' Gunju 1973 kif jindika c-certifikat anness bhala dokument "A" Certifikat 1172/1973;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg gie miksub bi vjolenza sew fizika sew morali, jew biza Art 19(1)(a) Kap 255;

Illi kunsens tal-partijiet kien eskluz minhabba zball fuq l-identita' tal-parti l-ohra Art 19(1)(b) Kap 255;

Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mix-xorti taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga Art 19(1)(c) Kap 255;

Illi l-kunsens kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg Art 19(1)(d) Kap 255;

Illi l-kunsens ta' wahda mill-partijiet gie miksub bl-eskluzjoni positiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt tal-att taz-zwieg Art 19(1)(f) Kap 255;

Illi wahda mill-partijiet rabtet il-kunsens taghha ma' kondizzjoni li tirreferi ghall-futur Art 19(1)(g) Kap 255;

Illi wahda mill-partijiet rabtet il-kunsens taghha ma' kondizzjoni li tirreferi ghall-futur Art 19(1)(g) Kap 255;

Illi l-partijiet izzewgu biss ghax il-konvenuta li kellha biss 19 il-sena kienet harget tqila – qed jigi anness certifikat tat-twelid ta' dik it-tarbija (Dok B) – il-partijiet ma kienux jizzewgu li kieku l-attrici ma hargitx tqila. Huma ma kienux ilhom jafu lil xulxin u zzewgu biss minhabba l-biza li t-tarbija titwieled minghajr missier. Illi ftit wara dan iz-zwieg il-konvenut telaq minn Malta u mar lura pajjizu.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fil-5 ta' Gunju 1973 huwa null ai termini tal-Art 19(1)(a)(b)(c)(d)(f)(g) tal-kap 255 tal-ligijiet ta' Malta u ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez.

]l-konvenut huwa ingunt biex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine pprezentata fit-22 ta’ Lulju, 2005 li permezz taghha eccepixxa;

1. Illi l-eccipjenti m’humiex edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk qeghdin jirriservaw li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri.

Rat l-atti processwali.

Rat l-affidavits ta’ l-attrici u omississ u omississ u omississ

Rat il-verbal tas-seduta ta’ l-14 ta’ Ottubru, 2005 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attrici qed titlob l-annullament taz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fil-5 ta’ Gunju, 1973 a bazi ta’ l-Artikolu 19 (1)(a), (b), (c), (d), (f) u (g) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta. Il-konvenuti kuraturi deputati ma gewx edotti bil-fatti u kwindi ma setghux jippresentaw eccezjonijiet effettivi u lanqas kienu f’posizzjoni jressqu l-provi izda kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin *f’materja ta’ zwieg illi huwa ta’ ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b’hekk jirrendu z-ziewg annullabli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta’*

*kreditu likwidu jew responsabilita’ ta’ xi kollizjoni imma f’kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccizoment wara xi zmien ta’ zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta’ diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta*

*jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero' dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju* (Anna Tonna vs Alexander Tonna deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991).

L-artikoli citati mill-attrici jirrigwardjaw;

19(1)(a) – vjolenza morali jew fizika jew biza' ta' xi parti;
19(1)(b) – zball fuq l-identita ta' parti;
19(1)(c) – qerq fuq il-kwalita' ta' parti li tista' taffettwa jew tfixkel il-hajja mizzewga;
19(1)(d) – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija serja psikologika li taghmilha mpossibbli li dik il-parti taqdi l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;
19(1)(f) – li l-kunsens ta' xi parti jkun inkiseb b'eskluzjoni posittiva taz-zwieg jew xi element essenzjali tieghu, jew tad-dritt ghall att taz-zwieg ;
19(1)(g) – li l-kunsens ta' xi parti jkun marbuta ma' kondizzjoni li tirreferi ghall futur.

Mill-provi mressqa mill-attrici jidher car illi z-zwieg sar fuq pressjoni tal-genituri taghha wara li hija harget tqila ta' tmientax-il sena. Apparti li l-provi jidhru konvincenti din hija versjoni kredibbli hafna meta wiehed iqis li z-zwieg sar fl-1973 u allura fi zmien meta tqala barra miz-zwieg kienet ikkonsidrata b'mod differenti mil-llum. L-uniku kwesit hija ghaliex l-attrici stenniet daqshekk biex taghmel din it-talba meta wiehed

jikkunsidra illi zewgha sparixxa minn hajjitha kwazi mill-ewwel. Fil-fatt binthom minuri lanqas biss ghandha ideja tieghu u llum ghandha tnejn u tletin sena. Wiehed jifhem ukoll il-bizgha ta' l-attrici specjalment minn missierha li

kien ufficjal gholi tal-Pulizija u li allura hu normali kellu sens ta’ dixxiplina li certament kien ukoll jesercita fuq uliedu. Ghalhekk it-talba attrici hija ampjament ippruvata ai termini tas-sub-artikoli (a) u (d) fuq imsemmija izda ma jidhirx li jirrikorru l-estremi l-ohra.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara null iz-zwieg bejn il-kontendenti kontrattat fil-5 ta’ Gunju, 1973. L-ispejjes jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------